A.L. 31 ta' l-1988

ATT TA' L-1948 DWAR IT-TAXXA FUQ L-'INCOME'

(ATT NRU. LIV TA' L-1948)

Ordni ta' l-1988 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Bastimenti u Inġenji ta' l-Ajru) (Federazzjoni Svizzera)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 68A ta' l-Att ta' l-1948 dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1988 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Bastimenti u Inġenji ta' l-Ajru) (Federazzjoni Svizzera). Titolu.

2. Qiegħed jiġi hawnhekk dikjarat illi — Taxxi koperti u bidu fis-seħħ.

(a) l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni ġiet miftehma mal-Kunsill Federali Svizzeru sabiex jingħata ħelsien minn taxxa doppja dwar l-intaxxar ta' kumpanniji tat-tbaħħir u ta' l-avjazzjoni f'Malta u fl-Isvizzera, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" skond ir-rabta tal-kliem,

(b) ir-riferenza għat-taxxa miġbura fl-Isvizzera tinkludi t-taxxa federali, kantonali u komunali, u

(ċ) huwa spedjenti li dan il-ftehim ikollu seħħ mit-30 ta' Marzu, 1987.

SKEDA

Ftehim bejn il-Kunsill Federali Svizzeru u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta:

1. Profitti miksuba minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa fuq l-*income* jew fuq il-profitti fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Din l-eżenzjoni għandha tkun tgħodd ukoll għal profitti mill-parteċipazzjoni f'*pool,* negozju *joint* jew aġenzija internazzjonali ta' tħaddim.

2. Il-kapital ta' intrapriża ta' Stat Kontraenti rappreżentat minn bastimenti u inġenji ta' l-ajru u minn proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti u inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandu jkun eżenti minn kull taxxa fuq il-kapital fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

3. Il-frażi "intrapriża ta' Stat Kontraenti" tfisser intrapriża li tkun effettivament immexxija u kontrollata f'dak l-Istat. Il-frażi għandha titqies li tinkludi kull intrapriża li fiha l-Istat Kontraenti jkollu sehem jew li tkun ġestita mill-Istat Kontraenti.

4. Il-frażi "tħaddim ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru" tfisser in-negozju ta' ġarr ta' persuni jew ta' merkanzija minn sid, kerrej jew kuntrattur ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru.

5. Il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport minn bastiment jew inġenji ta' l-ajru mħaddem minn intrapriża ta' Stat Kontraenti ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jitħaddem biss bejn lokalitajiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor.

6. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' din l-Iskeda għandha tingħata dwar kull taxxa miġbura f'xi Stat Kontraenti jew l-ieħor għal xi sena ta' stima li tibda wara l-31 ta' Diċembru 1977.

7. Kull Stat Kontraenti jirriserva d-dritt li jirtira din id-dikjarazzjoni fi tmiem sena kalendarja wara li jkun ta avviż bil-quddiem ta' sitt xhur; f'dak il-każ l-eżenzjoni mogħtija fil-paragrafi 1 u 2 għandha tkun tgħodd għall-aħħar darba għal kull taxxa miġbura f'xi Stat Kontraenti jew l-ieħor għas-sena ta' stima li tkun tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena li tiġi minnufih wara dik is-sena kalendarja.